# INDIPENDENZA 2007

## DISKORS TA' TONIO BORG, VICI PRIM MINISTRU U VICI KAP TAL-PARTIT NAZZJONALISTA

Hbieb

Iltqajna hawn illum biex infakkru bniedem u biex infakkru grajja.

Niftakru f`min stinka, hadem u bata sabiex Malta ssir indipendenti. Lil Gorg Borg Olivier u dawk li gew qablu li qatt ma abbandunaw it-triq ghall-Indipendnenza, li meta haddiehor ried li pajjizna jinghaqad ma' l-Ingilterra, meta ohrajn ma kenux fiducjuzi li nkampaw wara l-Indipendenza, hu, **Gorg Borg Olivier** baqa` miexi dritt bla ma qata` qalbu sakemm ftit il boghod minn hawn ghamel lil Malta nazzjon u hadna rajna f`idejna.

Izda qed infakkru ukoll **grajja.** Mhux grajja tal-passat, li grat darba u ntesiet jew giet relegata biss ghall-kotba ta' l-istorja. Il-grajja ta' l-Indipendenza li nfakkru kull sena fil-fatt hija wkoll grajja li nghixuha kuljum.

Il-Partit Nazzjonalista mill-Indipendenza ta' l-1964 lil hawn f`dawn l-ahhar 43 sena iggieled ghall-Indipendenza iktar minn darba. Iggelidna ghal-liberta` u d-demokrazija ghal snin shah fl-Opposizzjoni, meta l-lndipendenza kienet ser tisfa fix-xejn. Iggelidna ghall-Indipendenza meta

isselitna halli nibaghtu t-tfal taghna fl-iskejjel li rridu ahna, halli naqraw dak li rridu ahna, halli jkollna il-mezzi ta` kommunikazzjoni hielsa f`socjeta` demokratika. Isselitna ghad-drittijeiet tal-bniedem meta kienu kalpestati minn regim u mill-pulizija ripressiva tieghu; u asserejna l-indipendenza taghna meta minkejja l-opposizzjoni ta` l-Opposizzjoni inghaqadna ma' stati sovrani ohra fl-Unjoni Ewropeja ghax hekk kien jaqbel lill-pajjizna u l-futur tieghu.

Nitakru li l-Partit Nazzjonalista dejjem kien fuq **in-naha tajba** ta` l-istorja. Meta haddiehor ried l-'Integration' ahna iggelidna ghall-Indipendenza. Meta haddiehor kien jinnamra ma' l-Ewropa ta' wara l-purtiera tal-hadid, ahna konna skjerati mal-valuri u l-principji ta` l-Ewropa tal-Punent. Meta haddiehor hadem ghall-ekonomija centralizzata ahna hdimna ghall-liberalisazzjoni fil-kummerc, meta haddiehor kien ighid li l-kunsilli lokali ma ghandniex bzonnhom, ahna nidejna ghall-ewwel darba f'pajjizna id-dicentralisazzjoni tal-poter politiku. U meta haddiehor iggieled sabiex ma nidhlux l-Unjoni Ewroeja u iffriza l-applikazzjoni ta' Malta biex tidhol fl-Unjoni Ewropeja, ahna ggelidna elezzjoni wara ohra sabiex Malta tiehu postha fil-qalba ta' l-Ewropa.

Dejjem kellna fiducja fikom, fiducja fil-poplu Malti, poplu biezel li ma ghandu xejn inqas minn popli ohra. Dan hu l-ispirtu ta' l-Indipendenza : fiducja fina nifisna.

U illum nharsu lura u niftahru b'dak li ghamilna f`dawn l-ahhar snin minghajr pompa minghajr trijofalizmu izda kburin b'dak li wettaqna u lesti ghal kull dibattitu, ghal kull konfront fuq dak li wettaqna ahna, u dak li wettaq il-partit fl-Opposizzjoni meta kien fil-Gvern.

Ghaliex xejn ma jista` jittiehed qisu waqa` mis-sema, xejn ma nistghu niehdu ‘for garnted’.

Insaqsu: taghrfuh lil pajjizna minn kif kien ? Mhux biss minn kif kien fl-1987 meta tlajna fil-Gvern l-ewwel darba, imma anki minn kif kien 9 snin ilu meta Alfred Sant fl-1996 ukoll kien weghidna ‘bidu gid’.

Niehdu il-qasam tal-edukazzjoni. Hloqna skejjel godda u irrangajna ohra. Gew irrangati 138 skola, inbena il-Kullegg gdid u modern f’Hal-Kirkop. Qed jinbnew mill-gdid l-iskejjel sekondarji tal-Verdala u tal-Handaq. Ftahna l-Universita` u l-istituzzjonijiet post sekondarji ghal kulhadd - illum hemm 15,500 student li jiehdu l-istipendji. Kabbarna n-numru ta` studenti li jkomplu l-istudji taghhom wara s-sekondarja. Fl-1987 fuq l-edukazzjoni konna nonfqu Lm17-il miljun, illum nonfqu Lm116-il-miljun.

Fi zmien il-bidu gdid ta’ Alfred Sant disa` snin ilu fuq l-edukazzjoni konna nonfqu Lm67-il miljun. Illum nonfqu 88% IKTAR. Iz-zghazagh li jkomplu l-istudji wara s-sekondarja fi zmien il-‘bidu gdid’ ta’ Alfred Sant ta’ 9 snin ilu kienu 11,000. Illum tafu kemm hemm? 22,000 ! ID-DOPPJU. L-Oppozizzjoni titkaza ghax meta mqabblin mal-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea ghad fadlilna x'naqdfu. Vera ghad fadlilna x'naqfu imma kemm imxejna l-quddiem taht dan il-Gvern ! Fejn konna nkunu illum kieku s-snin li qattajna taht Gvern Nazzjonalista qattajnihom taht Gvern Laburista? Kien ikollna din il-partecipazzjoni qawwijja? Ahna l-gvern ta' l-edukazzjoni, ahna ftahna berah l-bibien ta' l-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja u bnejna mix-xejn l-Universita u l-MCAST biex illum dawn jilqghu fihom 10,000 u 4,000 student rispettivament. Ahna l-Gvern ta' l-edukazzjoni ghax sena wara investejna l-miljuni fl-

edukazzjoni u qatt ma xxahhahna ma' l-istudenti. Ahna l-Gvern ta' l-edukazzjoni ghax inwettqu dak li nwieghdu u mhux nghidu li se nzommu l-istipendji imbghad l-ewwel haga li naghmlu u li naqtghom b'mod drastriku - Ara ahna mhux talli ergajna zidnihom imma komplejna nifirxuhom biex aktar studenti jinghataw l-appogg u illum hemm aktar min 15,000 student li qed jinghataw appogg li jlahhaq l-Lm 8.2m fis-sena. Ahna l-Gvern ta' l-edukazzjoni ghax nemmnu li l-edukazzjoni hija investiment fil-futur taghna.

Dwar l-ekonomija il-'bidu gdid' ta' Alfred Sant disa' snin ilu gab ukoll deficit gdid total ta' Lm300 miljun fi zmien sentejn. Ahna nizzilna id-deficit minnn 9% kif kien meta hadna il-Gvern f`idejna ghal taht it- 3% u poggejna il-finanzi fis-sod sal-punt li issa ser nidhlu fiz-zona ta' l-Euro mhux ghax riedu jaghmlulna pjacir izda ghaliex issodisfajna il-kriterji ta` ekonomija u finanzi fis-sod.

Fl-ahhar sena hloqna 6,100 impjieg gdid u minkejja ristruttar kbir il-qaghad nizel ghall-iktar livell baxx fl-ahhar ghaxar snin. sena. Kumpaniji ghazlu lil Malta biex ikabbru il-hidma taghhom : De La Rue, Actavis, HSBC Call Centre u Lufthansa Teknik.

Dwar ix-xoghol ukoll, dan hu l-Gvern tax-xoghol u bil-fatti. Kull meta jkun hemm Gvern Nazzjonalista ikun hemm ix-xoghol u anke meta jinqalghu id-diffikultajiet inkunu lest biex nghelbuhom. U nghelbuhom bis-serjeta' u mhux billi kif jghid Alfred Sant billi tbazwar l-hemm u l-hawn kif sar qabel l-elezzjoni ta' l-1987. Din is-sena f'Lulju ir-rata tal-qaghad naqqset ghal 6332. Kulhadd jaf kif pajjizna ghadda minn ristrutturar kbir li kien effettwat minn diversi fatturi esterni. minkejja dan ghandna l-aktar livell baxx ta' qaghad fl-ahhar 10 snin. Anki hawn kellna

l-ghajnuna ta' l-Unjoni Ewropea  li permezz tal-fondi taghha harrigna eluf ta' persuni biex sabu aktar xoghol.

Jekk imbaghad niehdu l-progetti ta` l-infrastruttura biddilna pajjizna f`wiehed modern u Ewropew :

Huma sabu sptar qadim u hallew sptar qadim.
Ahna sibna sptar qadim u bnejna sptar gdid li issa anki Alfred Sant qal li hu ``*state of the art*``;

Huma sabu ajruport qadim u hallew ajruport qadim u tal-misthija. Ahna sibna ajruport qadim u bnejna ajruport gdid.

Huma qalulna li l-Unjoni Ewropeja ser ttina biss miljun u nofs lira u ahna gibna l-miljuni kbar biex bnejna xibka ta` toroq tajbin u moderni.

Huma messew max-Xatt tal-Kottonbera u gherqu fih; ahna sebbahna ix-Xatt tal-Kottonera u ghamilna dik iz-zona tant sabiha li saret  il-Mekka tal-Maltin u turisti.

Huma issa hargu bi pjan dwar il-Port l-Kbir; ahna ilna ghaddejjin bi progetti mhux fuq il-karta izda f'sura konkreta bhal Valletta Waterfront u l-Cruise Terminal;

Harsu madwrakom u araw kif investejna bil-ghaqal fluskom, flus  il-poplu Malti.

Jekk b'din il-hidma kollha u b`dawn il-progetti kolha wiehed fl-iehor ighajjruna ghajjenin j'Alla nkunu ghajjenin kuljum !!!!

U l-vizjoni taghna ma tieqafx mal-elezzjoni li jmiss.

Fin-nofs in-nhar ta` Malta kellu jkun l-Partit Nazzjonalista fil-Gvern li ghazel din in-naha ta' Malta biex nieda l-ikbar investiment u l-ikbar prgett li ser johloq 5,600 impjieg fuq medda ta' snin.

U l-investiment barrani rajnih joktor. Skond l-Opposizzjoni qeghdin fl-ahhar tad-dinja, u Alla jbierek il-barranin jinvestu f`sena wahda Lm575 miljun f`pajjizna, jigifieri Lm1.5 miljun **kuljum.** Fi 22 xahar ta` Alfred Sant kellna investiment ta' 17-il miljujn f'sentejn, daqs gimgha u nofs fi zmienna !!!

Qiegehd joqrob zmien il-ghazla u l-ghazla trid tkun bejn ahna u dak li ghamilna bil-fatti u l-Opposizzjoni. Opposizzjoni li tiddiletta fl-istudji papers, konferenzi, kotba u pjani - paroli u shab fl-ajru

Ejjew niftakru illi dan il-gid li ghandna madwarna illum ma waqax mis-sema. Ibzghu mill-weghdiet fiergha ta' min lest li jaghmel kollox biex jiehu il-poter f`idejh. Jekk il-partit fl-Opposizzjoni biegh il-principji tieghu, neza` mill-politika tieghu dwar l-Ewropa, kien kontra l-Ewro u issa saru favur, kien kontra il-Kostituzzjoni Ewropeja u issa sar favur, ahseb u ara kemm jahsibha darbtejn li jarmi il-weghdiet li qed jaghmel illum.

Hemm min jargumenta li ilna hafna fil-Gvern. Din hija l-ewwel term ta' Lawrence Gonzi bhala Prim Ministru. Term bhalu kellu Alfred Sant. L-Opozizzjoni titkellem hafna fuq il-kompetenza. Ejjew naraw min hu l-kompetenti. X'gara fit-term ta' Alfred Sant? Deficit record, qaghad,

stagnar ta’ l-ekonomija, glied intern u patafjun taxxi. X’ghamel Lawrence Gonzi fit-term tieghu? Sahhah l-ekonomija u gab il-finanzi tal-pajjiz fis-sod, holoq l-impiegi, hadem favur u sebbah l-ambjent, biddel wicc Malta b’infrastruttura gdida, investa qawwi fl-edukazzjoni u fis-sahha tal-poplu Malti. Lil min ser naghtu it-tieni term? Lil Alfred Sant jew lil Lawrence Gonzi? Ir-risposta ghandha tkun facli ghal kulhadd.

Ahna mill-Indipendenza lil hawn ma harisna qatt lura u qatt ma bzajna minn sfidi. U lanqas se nibzghu mill-isfida elettrorali li ghandna quddiemna. B`Lawrence Gonzi bhala Kap tal-Partit u Prim Minsitru, irridu nirbhu l-elezzjoni li gejja mhux biss ghaliex ma hemmx alternattiva serja u ta` serhan il-mohh, izda ghaliex dan hu Gvern li hadem, li wettaq, li stinka, li laqa’ ghall-problemi bhala sfida, li investa fil-futur ta’ uliedna u uza is-sbuhija ta` Malta fl-Unjoni Ewropeja ghall-gid ta’ pajjizna, li ghagen lill-pajjzina ma’ l-Ewropa, li ser iddahal l-ewro u s-sistema ta` Schengen li ta drittijiet lill-haddiema li qatt ma kien johlom bihom, li zied is-servizzi socjali u li fil-Budget li gej se jkompli ighin lill-familja Maltija li hi s-sies tas-socjeta.

Il-Partit Nazzjonalista ghandu jirbah l-elezzjoni ghax ghandu l-aqwa policies, ghandu l-ahjar kap u l-ahjar nies li jaghtu kaz. Il-Partit nazzjonalista jgib is-serhan il-mohh, huwa partit b’idejat stabbli, huwa l-partit li jiehu hsieb l-ambjent, l-edukazzjoni, is-sahha u l-infrasstruttura. Huwa partit dinamiku. Tal-Labour jghidu li l-poplu jrid il-bidla. Il-bidla huwa l-Partit Nazzjonalista li biddel wicc il-pajjiz. Ejjew inkomplu bil-bidla t-tajba.

Fiz-zmien li gej, ghalenija, maghqudin, kulhadd wara il-kap taghna minsisri, grupp parlamentari, kandidati, attivisti u intom ilkoll, nilqghu l-isfida li jmiss sabiex dak li rbahna sa issa ghal pajjizna ma jintilifx.